**Parlament Ewropew**

2014-2019

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

27.9.2017 **A8-0064/2017/err02**

# ADDENDUM

għar-rapport

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol
(COM(2016)0248 – C8-0181/2016 – 2016/0130(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Marita Ulvskog
A8-0064/2017

---

Wara d-dikjarazzjoni spjegattiva, għandha tiddaħħal l-opinjoni li ġejja:

**OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI DWAR IL-BAŻI LEGALI**

20.6.2017

Is-Sur Thomas Händel
President
Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (COM(2016)0248 – C8-0181/2016 – 2016/0130(COD))

Sur President,

Bl-ittra tat-2 ta' Ġunju 2017, inti kkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 39(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jeżamina r-relevanza tat-tibdil tal-bażi ġuridika mitluba mill-Kunsill għall-proposta msemmija hawn fuq[1].

Il-Kummissjoni tiiproponi bħala bażi ġuridika l-Artikolu 153(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-Kummissjoni tibbaża ruħha wkoll fuq id-dritt sekondarju tal-UE, jiġifieri l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2004/37/KE[2] dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, jiġifieri d-Direttiva li din il-proposta qed tfittex li temenda.

Ir-rapport tal-Kumitat EMPL dwar il-proposta ma biddilx din il-bażi ġuridika[3]. Madankollu, l-approċċ ġenerali tal-Kunsill ibiddel il-bażi ġuridika billi jżid mal-Artikolu 153(2) tat-TFUE referenza għall-punt (b) tiegħu kif ukoll għall-Artikolu 153(1)(a) tat-TFUE u billi jħassar ir-referenza għall-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol.

Il-kumitat eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tal-20 ta' Ġunju 2017.

## I - L-isfond

Din il-proposta għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema billi tnaqqas l-espożizzjoni fuq ix-xogħol għall-aġenti kimiċi karċinoġeniċi, iżżid l-effettività tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam u tipprovdi aktar ċarezza u tistabbilixxi kundizzjonijiet aktar pari għall-operaturi ekonomiċi. Hija fost l-azzjonijiet ta' prijorità identifikati fil-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016.

Stimi tal-piż reċenti u futur tal-mard ta' oriġini professjonali jindikaw li, b'riżultat tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-karċinoġeni, il-kanċer relatat max-xogħol hu problema u ser jibqa' hekk fil-futur. Fl-UE, il-kanċer huwa l-ewwel kawża ta' mwiet marbuta max-xogħol. Kull sena, 53 % tal-imwiet ta' oriġini professjonali huma attribwiti għall-kanċer, meta mqabbla mat-28 % għall-mard ċirkulatorju u s-6 % għall-mard respiratorju[4].

Għaldaqstant, il-proposta tirrevedi u/jew tintroduċi valuri limitu ta' espożizzjoni għal 13-il sustanza kimika, billi tintroduċi tliet miżuri speċifiċi, jiġifieri:
- Anness I aktar wiesa' li jinkludi "xogħol li jinvolvi espożizzjoni għat-trab respirabbli tas-silika kristallina ġġenerat minn proċess ta' xogħol" u li jistabbilixxi valur limitu għal dan il-karċinoġeni fl-Anness III;
- valuri limitu ta' espożizzjoni għal 10 aġenti karċinoġeni addizzjonali fl-Anness III u
- reviżjoni tal-valuri limitu ta' espożizzjoni eżistenti għat-trab tal-injam iebes u l-monomer tal-klorur tal-vinil fid-dawl tad-data xjentifika disponibbli.

## II - Artikoli relevanti tat-Trattat

L-Artikolu li ġej tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, taħt it-Titolu X dwar il-"Politika Soċjali" tat-Tielet Parti tat-TFUE, intitolata Politika u Azzjonijiet Interni tal-

---

[1] COM(2016) 248 final tat-13 ta' Mejju 2016.
[2] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.
[3] Ara A8-0064/2017.
[4] Stimi Ewropej ta' korriment u mard relatat max-xogħol, *Work-related Illnesses Identification, Causal Factors and PreventionSafe Work — Healthy Work — For Life,* Takala, J., Workplace Safety and Health Institute, Singapore, preżentazzjoni lill-Konferenza tal-Presidenza tal-UE, Ateni, Ġunju 2014.

Unjoni, huwa ppreżentat bħala l-bażi ġuridika fil-proposta tal-Kummissjoni (enfasi miżjuda):

***Artikolu 153***
*(ex Artikolu 137 TKE)*

*1. [...]*

*2. Għal dan l-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:*

*(a) jistgħu jadottaw miżuri intiżi sabiex iħajjru koperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' inizjattivi mmirati sabiex jameljoraw l-għarfien, jiżviluppaw skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi, jippromwovu affronti innovattivi u jivvalutaw l-esperjenzi, b'esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Istati Membri;*

*(b) jistgħu jadottaw <u>fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (i)</u>, permezz ta' direttivi, <u>rekwiżiti minimi applikabbli progressivament</u>, meħud qies tal-kondizzjonijiet tekniċi li jkunu jinsabu f'kull wieħed mill-Istati Membri. Direttivi bħal dawn għandhom jevitaw li jdaħħlu rabtiet amministrattivi finanzjarji u ġuridiċi li jistgħu jxekklu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u medji.*

*Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u tal-Kumitat tar-Reġjuni.*

*<u>Fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(c), (d), (f) u (g), il-Kunsill għandu jaġixxi skont il-proċedura leġislattiva speċjali, b'mod unanimu, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitati msemmija.</u>*

*Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew, jista' jiddeċiedi li l-proċedura leġislattiva ordinarja tkun applikabbli għall-paragrafu 1(d), (f) u (g).*

**<u>III - Il-bażi ġuridika proposta</u>**

L-approċċ ġenerali tal-Kunsill jipproponi l-emendar tal-bażi ġuridika tal-proposta billi jżid mal-**Artikolu 153(2) tat-TFUE**, li jinstab diġà fit-test, referenza għall-**punt (b)** tiegħu kif ukoll għall-**Artikolu 153(1), punt (a) u billi jħassar ir-referenza għall-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol**. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda jaqraw kif ġej (enfasi miżjuda):

***Artikolu 153(1)***
*(ex Artikolu 137(1) TKE)*

*1. <u>Bl-għan li jinkisbu l-għanijiet tal-Artikolu 151</u>, l-Unjoni għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma:*

*<u>(a) it-titjib in partikolari tal-ambjent tax-xogħol sabiex jitħarsu s-saħħa u s-sigurtà</u>*

*tal-ħaddiema;*
*(b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol;*
*(c) is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema;*
*(d) il-protezzjoni tal-ħaddiema f'każ li jintemmilhom il-kuntratt tal-impjieg;*
*(e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;*
*(f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u s-sidien, inkluża it-tmexxija konġunta, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5;*
*(g) il-kondizzjonijiet tal-impjieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment fit-territorju tal-Unjoni;*
*(h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, bla preġudizzju għall-Artikolu 166;*
*(i) l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa rigward l-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol;*
*(j) il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;*
*(k) il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali bla preġudizzju għall-punt c).*

L-Artikolu 151 tat-TFUE għandu d-diċitura li ġejja (enfasi miżjuda):

***Artikolu 151***
*(ex Artikolu 136 TKE)*

*L-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali bħalma huma dawk stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea li kienet iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u l-Karta tal-Komunità tal-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, għandu jkollhom bħala mira il-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib tal-kondizzjonijeit tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla it-titjib, il-protezzjoni soċjali xierqa, id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-mira ta' livell għoli ta' mpjieg li jdum għal żmien twil u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.*

*B'dan l-għan l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri li jieħdu kont tad-diversi forom ta' prattiċi nazzjonali, partikolarment fil-qasam ta' relazzjonijiet kontrattwalli, u l-ħtieġa li tinżamm il-kompetittività fl-ekonomija tal-Unjoni.*

*Huma jemmnu li żvilupp bħal dan għandu jirriżulta mhux biss mill-funzjonament tas-suq intern, li għandu jiffavorixxi l-armonizzazzjoni ta' sistemi soċjali, imma wkoll mill-proċeduri previsti fit-Trattati u mill-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva.*

***L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2004/37/KE.***

*1. L-Annessi I u III jistgħu jiġu emendati skont il-proċeduri stabbiliti mill-Artikolu 137(2) tat-Trattat biss (issa l-Artikolu 153(2) tat-TFUE).*

**IV - Ġurisprudenza**

Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja "l-għażla tal-bażi ġuridika ta' att Komunitarju għandha tibbaża ruħha fuq elementi oġġettivi, suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju,

li fosthom jinsabu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att".[1] Għalhekk, l-għażla ta' bażi ġuridika żbaljata tista' tiġġustifika t-tħassir tal-miżura kkonċernata. F'dan il-kuntest, ix-xewqa ta' istituzzjoni li jkun hemm parteċipazzjoni aktar attiva fl-adozzjoni ta' miżura partikolari, f'liema ċirkostanzi miżura ġiet adottata, kif ukoll il-ħidma li saret f'aspetti oħra fl-ambitu ta' azzjoni kopert minn miżura partikolari huma irrelevanti biex tiġi identifikata l-bażi ġuridika korretta.[2]

Fil-każ li eżami ta' miżura juri li għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun biss inċidentali, dik il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti.[3] Madankollu , jekk miżura ssegwi diversi għanijiet jew komponenti fl-istess ħin, li jkunu marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma waħda tkun sekondarja u indiretta meta mqabbla mal-oħra/oħrajn, tali miżura għandha tkun ibbażata fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti,[4] jekk il-proċeduri previsti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli mad-dritt tal-Parlament Ewropew u ma jimminawhx[5].

L-Artikolu 153 tat-TFUE (ex Artikolu 137 tat-TKE) jikkostitwixxi l-bażi ġuridika għat-Trattat għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qafas tal-politika soċjali[6]. Il-paragrafi (1) u (2) jagħtu lill-Unjoni s-setgħa li tappoġġa u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri bil-ħsieb li jinkisbu l-objettivi tal-Artikolu 151 tat-TFUE (ex Artikolu 136 tat-TKE)[7].

## <u>V - L-Għan u l-Kontenut tal-proposta</u>

Il-Premessa 1 tal-proposta tindika li d-Direttiva 2004/37/KE għandha l-għan li tħares il-ħaddiema mir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Għal dan l-għan, hija tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal dak l-effett inklużi valuri limitu, abbażi tad-data xjentifika u teknika disponibbli.

Il-Premessi 2 u 3 jiddikjaraw li l-valuri limitu għandhom jiġu riveduti meta meħtieġ fid-dawl tad-data xjentifika, filwaqt li l-possibiltajiet alternattivi ta' assorbiment, inkluża l-possibilità ta' penetrazzjoni mill-ġilda, jenħtieġ li jitqiesu ukoll għal xi karċinoġeni u mutaġeni sabiex jiġi żgurat l-aqwa livell ta' ħarsien possibbli.

---

[1] Kawża C-45/86, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* (Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati) [1987], ECR 1439, punt 5; Kawża C-440/05, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* [2007], E.C.R. I-9097; Kawża C-411/06, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill* [2009], ECR I-7585.

[2] Kawża C-269/97, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* [2000], ECR I-2257, punt 44.

[3] Kawża C-137/12, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, EU:C:2013:675, punt 53; Kawża C-490/10, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, EU:C:2012:525, punt 45; Kawża C-155/07, *Il-Parlament vs Il-Kunsill* [2008], Ġabra I-08103, punt 34.

[4] Kawża C-211/01, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* [2003], Ġabra I-08913, punt 40; Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill* [2006], Ġabra I-107, punti 43 sa 56.

[5] Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* ("Dijossidu tat-titanju") [1991], Ġabra I-2867, punti 17 sa 25; Kawża C-268/94, *Il-Portugall vs Il-Kunsill* [1996], Ġabra I-6177.

[6] Ara l-Kawża C-343/08, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka* [2010], Ġabra I-00275, punt 67 fir-rigward tal-predeċessur tal-Artikolu 153, jiġifieri l-Artikolu 137 tat-TKE; Ara l-Opinjoni 2/91, Konvenzjoni Nru 170 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar is-Sikurezza fl-użu tas-Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol [1993] Ġabra I-01061, punt 17.

[7] Ara l-Kawża C-13/05, *Sonis Chacán Navas vs Eurest Colectividades SA*, [2006] Ġabra I-06467, punt 4 fir-rigward tal-predeċessur tal-Artikolu 153, jiġifieri l-Artikolu 137 tat-TKE;

Il-Premessi 5-17 jispeċifikaw is-sustanzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala karċinoġeni insegwitu tal--informazzjoni xjentifika l-aktar reċenti kif ukoll is-sustanzi karċinoġeni diġà kkunsidrati li l-valuri limitu tagħhom għandhom jiġu riveduti fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika aktar riċenti.

Fl-aħħar nett, il-Premessi 18 u 22 jaffermaw mill-ġdid li l-għan tal-emenda proposta tad-Direttiva 2004/37/KE huwa li tissaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom, biex b'hekk jittejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tagħhom u jitħarsu minn riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-espożizzjoni għall-karċinoġeni.

F'dan il-kuntest, l-Artikolu 1 jiddikjara li d-Direttiva hija emendata permezz taż-żieda fl-Anness I tal-entrata 6 l-ġdida li tinkludi "xogħol li jinvolvi espożizzjoni għat-trab respirabbli tas-silika kristallina ġġenerat minn proċess ta' xogħol" jew permezz ta' sostituzzjoni tal-Annesss III bit-test fl-Anness għal din id-Direttiva proposta. L-Artikoli 3 sa 5 fihom id-dispożizzjonijiet tas-soltu dwar it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri. B'mod partikolari, l-Artikolu 4 jirreferi għad-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

**<u>VI - Analiżi u determinazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa</u>**

Jidher ċar mill-osservazzjonijiet preċedenti li l-għan ta' din il-proposta, bħall-kontenut tagħha, huwa li jissaħħaħ il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiem b'mod konformi mal-Artikolu 153(1)(a) tat-TFUE, billi jiġi inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE xogħol li jinvolvi espożizzjoni għat-trab respirabbli tas-silika kristallina (frazzjoni respirabbli) iġġenerat minn proċess ta' xogħol. Dan jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi addizzjonali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema, fil-forma ta' valuri limitu fl-Anness III tad-Direttiva, u r-reviżjoni tal-valuri limitu attwali fl-Anness III għal żewġ karċinoġeni fid-dawl ta' data xjentifika iktar riċenti.

F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 153(2) tat-TFUE fih fil-fatt, rispettivament fil-punti (a) u (b), żewġ bażijiet ġuridiċi differenti għal miżuri ta' natura differenti ħafna. Filwaqt li l-punt (a) tal-Artikolu 153(2) jirreferi għall-adozzjoni ta' " miżuri intiżi sabiex iħajjru koperazzjoni bejn l-Istati Membri", il-punt (b) jagħti s-setgħa lill-Parlament u l-Kunsill jadottaw "fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (i), permezz ta' direttivi, rekwiżiti minimi applikabbli progressivament, meħud qies tal-kondizzjonijiet tekniċi li jkunu jinsabu f'kull wieħed mill-Istati Membri". Id-direttiva proposta tidħol b'mod ċar f'din l-aħħar kategorija ta' miżuri, għalhekk ir-referenza għall-punt (b) tal-Artikolu 153(2) fil-bażi ġuridika hija speċifikazzjoni utli fiċ-ċirkustanzi attwali.[1]

Barra minn hekk, l-Artikolu 153(2), li huwa l-bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri ta' politika soċjali, jipprevedi proċeduri leġiżlattivi differenti skont il-"qasam" tal-Artikolu 153(1) li fih il-miżura maħsuba se topera. Mill-analiżi tal-mira u l-kontenut tal-Proposta jirriżulta li l-punt (a) tal-Artikolu 153(1) jikkorrispondi b'mod aktar xieraq għall-miżuri previsti fih. Hekk kif jidher ċar mill-preambolu tagħha, il-Proposta għandha l-istess għan bħal tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, jiġifieri l-protezzjoni tal-ħaddiema kontra riskji għas-saħħa u sigurtà tagħhom, inkluża l-prevenzjoni ta' dawn ir-riskji, li jinqalgħu jew li jistgħu jinqalgħu minn espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Bl-istess mod, il-Proposta tikkonsisti f'emendi għall-Annessi I u III għad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal

---

[1] Ara SJ-0445/16, p.3.

karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, li jżiedu sustanza ġdida mal-lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi li għandhom jitqiesu karċinoġeni fis-sens tad-Direttiva, kif ukoll valuri limitu ġodda għal espożizzjoni fuq ix-xogħol għal dawn is-sustanzi. Dawn l-emendi huma b'mod ċar miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa għall-benefiċċju tal-ħaddiema.

Skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 153(2), tapplika l-proċedura leġiżlattiva speċjali, b'unanimità fil-Kunsill, fl-oqsma msemmija fil-punti (c), (d), (f) u (g) tal-Artikolu 153(1), filwaqt li fl-oqsma l-oħra kollha msemmija fl-Artikolu 153(1) tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Għalhekk, sabiex tiġi indikata l-bażi ġuridika b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu determinati kemm liema proċedura hija applikabbli għall-adozzjoni kif ukoll x'inhi l-maġġoranza rekwiżita neċessarja fil-Kunsill, huwa xieraq li jingħata aktar dettall minn dak li l-Kummissjoni pproponiet, billi jiġi indikat mhux biss jekk il-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 153(2) huwiex qed jiġi użat, iżda wkoll billi jiġu speċifikati l-oqsma tal-koleġiżlaturi fost dawk imsemmija fl-Artikolu 153(1).[1]

Għall-kuntrarju tal-ewwel punt (a) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 153 tat-TFUE, li ma jagħmel l-ebda referenza għal oqsma speċifiċi ta' attività tal-Artikolu 153(1) tat-TFUE, l-Artikolu 153(2)(b) tat-TFUE jagħmel tali referenza espliċita. Konsegwentement, l-Artikolu 153(2)(b) tat-TFUE ma jikkostitwixxix bażi ġuridika adegwata għall-proposta u jenħtieġ li jiġi kkompletat b'referenza għall-Artikolu 153(1)(a) sabiex ikun biżżejjed ċar u preċiż. Minn dan isegwi li, fid-dawl tal-għan u l-kontenut tagħha, il-Proposta tidħol preċiżament fl-ambitu tal-qasam ta' attività stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 153(1), jiġifieri "it-titjib in partikolari tal-ambjent tax-xogħol sabiex jitħarsu s-saħħa u s-siġurtà tal-ħaddiema", u għalhekk li l-punt (a) tal-Artikolu 153(1) jista' jiġi faċilment jiżdied bħala bażi ġuridika għall-Proposta, flimkien mal-punt (b) tal-Artikolu 153(2), biex b'hekk tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Għal dak li jikkonċerna l-bażi ġuridika tad-dritt sekondarju proposta mill-Kummissjoni, jiġifieri l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 17(1) ta' din id-Direttiva jipprevedi li " L-Annessi I u III jistgħu jiġu emendati skont il-proċeduri stabbiliti mill-Artikolu 137(2) tat-Trattat biss (issa l-Artikolu 153(2) tat-TFUE)."Għalhekk jidher ċar mill-formulazzjoni tiegħu stess li l-Artikolu 17(1) ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu bażi ġuridika għall-emendar tal-Annessi kkonċernati, peress li jillimita ruħu għal referenza għall-Artikolu 137(2) tat-TKE (issa, l-Artikolu 153(2) tat-TFUE), li huwa l-bażi ġuridika għad-Direttiva. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 17(1) jikkonsisti biss fi tfakkira tal-fatt li l-emedi għall-Annessi I u III jeħtieġ rikors għall-Artikolu 153(2) tat-TFUE u, għalhekk, għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Peress li l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva jirreferi għall-Artikolu 153(2) tat-TFUE (attwali) u l-Artikolu 153(2) tat-TFUE huwa msemmi b'mod speċifiku bħala l-bażi ġuridika għall-Proposta, hemmx bżonn ta' żewġ referenzi għall-istess dispożizzjoni.[2]

## <u>VII - Konklużjoni u rakkomandazzjoni</u>

Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-bidliet għall-bażi ġuridika tal-Proposta previsti mill-Kunsill jidhru li jammontaw, sa fejn dawn jikkonċernaw ir-referenza għall-Artikolu 153 tat-

[1] Ibid.
[2] Ara SJ-0445/16, p.3.

TFUE, għal sempliċi speċifikazzjonijiet tekniċi, li huma xierqa mill-aspett ġuridiku. Għal dak li jirrigwarda r-referenza għall-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, it-tħassir tagħha jista' jiġi kkunsidrat bħala sempliċi korrezzjoni ta' żball materjali.

Matul il-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda b'unanimità[1] li jirrakkomanda li żżid mal-Artikolu 153(2) referenza għall-punt (b) kif ukoll għall-Artikolu 153(1)(a) tat-TFUE u li tħassar ir-referenza għall-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol mill-bażi ġuridika tal-istrument propost.

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pavel Svoboda (President), Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (Viċi President), Laura Ferrara (Viċi President), Mady Delvaux (Viċi President), Gerolf Annemans (għal Gilles Lebreton, skont l-Artikolu 200(2)), Max Andersson, Joëlle Bergeron, Rosa Estaràs Ferragut, Mary Honeyball, Sylvia-Yvonne Kaufmann, António Marinho e Pinto, Emil Radev, Julia Reda, Evelyn Regner, József Szájer, Mylène Troszczynski (għal Marie-Christine Boutonnet, , skont l-Artikolu 200(2)), Axel Voss, Daniel Buda, Angel Dzhambazki, Angelika Niebler, Jens Rohde, Virginie Rozière, Tiemo Wölken, Kosma Złotowski.